MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2003

Rikors Numru. 44/1997/2

Carmel Camilleri
vs
Direttur Responsabbli mid-Drenagg u l-Ministru responsabbli mix-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni, u b'digriet tas-27 ta' Gunju 2000 gie korrett ghall-Ministru ghall-Ambjent u Direttur tal-Progetti u Zvilupp fil-Ministeru ghal Ghawdex li b' digriet tas-27 ta' Gunju 2000 gie kjamat fir-rikors u b'digriet tat-3 ta' Settembru 1998 gew kjamati fir-rikors l-Onorovoli Prim Ministru (li bid-digriet tas-27 ta' Gunju, 2000 gie mnehhi mill-okkju tal-istess rikors) u Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u b'digriet tat-18 ta' Frar 1999, gie kjamat fir-rikors id-Direttur tax-Xoghol

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi hu kien wiehed minn sittax (16)-il persuna li dahlu jahdmu bhala Labourers Group A - Dok A.

Illi wara li kien ilhom madwar tmintax (18)-il xahar f'din is-sezzjoni kienu hargu l-applikazzjonijiet ghal Drainage Workers Group "C" u gew maghzula 12 minnhom.

Illi r-rikorrent kien wiehed minn dawk illi ma gewx maghzula.

Illi wara xi zmien iddahhlu nies minn barra mas-Sezzjoni tad-Drenagg minghajr esperjenza ta' xejn fil-grad ta' Drainage Workers Group "C" filwaqt li r-rikorrent baqa' fi Group "A".

Illi wara xi erba' snin ohra r-rikorrent tela' fi group B fi skala dsatax (19) jigifieri General Hand.

Illi ghalhekk ir-rikorrent sofra ingustizzja lampanti meta ddahhlu jahdmu minn barra haddiema b'detriment ghalih u ghal familja tieghu u fil-fatt huwa sofra finanzjarjament kemm f'allowances kif ukoll fil-paga ta' kull xahar u ghadhom ibatu sal-lum ghaliex sal-lum huwa ghadu fi skala dsatax (19) meta haddiehor li ddahhal jahdem bla esperjenza ta' xejn qieghed fi Group "C".

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji u jinghataw rimedji bil-ligi billi jigi r-rikorrenti Carmel Camilleri ordnat illi jgi promoss ghal grad li jimmerita lilu fis-servizz u cioe` group C. Kif ukoll billi jinghata d-differenza f'allowances u pagi li tilef sa llum. Jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont kif jiddeciedi dan it-Tribunal. Bl-ispejjez kontra l-istess intimati nomine.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet u tal-Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni li eccepew:

Illi r-rikorrent kien gie impjegat bhala Labourer mad-Dipartiment tax-Xogholijiet b'effett mill-1 ta' Jannar 1992. Sussegwentement hu gie assimilat fil-grad ta' General Hand b'effett mill-1 ta' Jannar 1994.

Illi d-Dipartiment intimat ma kellu ebda involviment f'din is-sejha partikolari u ghalhekk ma huwiex il-legittimu kontradittur.

Illi s-sejha riferuta mir-rikorrent kienet dik b'numru OPM/Circ 24/90 datata 7 ta' Marzu 1990 u kienet tistipula f'paragrafu 10 li kull min kien interessat li japplika, kellu jaghmel dan gewwa d-Dipartiment tax-Xoghol (Labour Office) il-Belt.

Illi l-intimati ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-proceduri kollha relatati mas-sejha fuq imsemmija u li ghalih ghamel referenza r-rikorrent.

Illi minbarra s-sejha ghall-applikazzjoni ghal Drainage Workers diga msemmija, ma saret ebda sejha ohra sakemm giet fis-sehh ir-riforma fis-Settur Pubbliku.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimati.

Ra r-risposta tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li eccepiet:

Illi fil-konfront tal-Kummissjoni it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni ghaliex it-Tribunal hu prekluz li jinvestiga l-validita` ta' dak kollu li ghamlet jew taghmel il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fl-ezercizzju tal-funzjonijiet taghha u dan skond l-artiklu 115 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta.

Illi minghajr pregudizzju jinghad li fis-7 ta' Marzu 1990, kienet saret sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-mili ta' ghadd ta' postijiet fil-Gruppi Industrijali "B" u "C", (OPM Circular No. 24/90). Dawn il-postijiet kienu fil-grad ta' Hospital Auxiliary, Health Attendant u Drainage Worker. Ir-rikorrent applika ghal Drainage Worker. .

Illi, mir-rapport tal-Bord tal-Ghazla jidher li r-rikorrent gie fil-151 post b'total ta' 173 marka minn massimu ta' 200 marka. Billi kien hemm 125 post vakant il-Kummissjoni rrakkomandat fit-8 ta' Frar 1991 li dawn il-vakanzi jimtlew minn dawk li gew fl-ewwel 125 post skond l-ordni tal-mertu. Il-Prim Ministru iffirma r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni fil-11 ta' Frar 1991.

Illi l-allegazzjonijiet u l-ilmenti l-ohra tar-rikorrent m'ghandhom ebda relazzjoni ma' l-operat tal-Kummissjoni u din ma taf xejn dwarhom.

Ra r-risposta tal-kjamat in kawza d-Direttur tax-Xoghol li eccepixxa:

Illi l-intimat gie kjamat minn dan l-Onorabbli Tribunal permezz ta' digriet datat 18 ta' Frar 1998.

Illi l-intimat mhuwiex il-legittimu kontradittur fir-rikors promotur stante li huwa ma jistax iwiegeb ghall-allegazzjoni tar-rikorrent dwar il-mili ta' postijiet fil-grad ta' Drainage Worker Group C minn nies bla esperjenza u li ma jahdmux fis-Sezzjoni tad-Drenagg.

Illi l-azzunzjoni ta' nies f'impjiegi varji gewwa Dipartimenti ma taqax taht il-mansjoni tad-Dipartiment tax-Xoghol.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-eccezzjoni tad-Direttur tal-Progetti u Zvilupp fil-Ministeru ghal Ghawdex u tal-Ministru tal-Ambjent:

1) Ir-rikors gie prezentat fuori termine kontra l-intimati et u dan a tenut tal-Artikolu 9 tal-Att VIII tal-1997.

2) Illi minghajr pregudizzju ghas-suesposta l-intimati zammew fermi r-risposti minnhom diga prezentati.

3) Salvi risposti ulterjuri.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Xehed ir-rikorrent fejn semma li dahal fil-korp tad-Dejma f’Novembru 1986 u fl-1991 baghtuh mal-Public Works ma’ Mitri Agius fis-sezzjoni tad-Drenagg. Qal li waqt xogholu gieli kienu jibghatuhom iqattaw it-trinek biex jghaddu l-medda tad-drenagg, gieli kienu jmorru jghaddu l-medda tad-drenagg u gieli kienu jibaghtuhom fuq xi inspection box li tkun mizduda biex jifthuha, jew inkella li tkun waqghet. Semma li sa sena qabel kien ghadu jaghmel dak ix-xoghol ghalkemm ma kienx intghazel, u dawk li ntaghzlu kienu jaghmlu l-istess xoghol.

Semma li huh kien wiehed minn dawn li ntaghzlu u baqa’ jaghmel l-istess xoghol bhalu. Qal li hu qatt ma kien ma’ l-Awziljari imma dahal mad-Dejma. Ma kienx jaf jekk dawk li dahlu minn barra kienux dahlu mid-Dipartiment tal-Gvern jew inkella dahlux minn barra s-servizz civili. Semma li l-Board tas-selezzjoni kien kompost minn xi hames jew sitta min-nies u kien hemm xi hadd minnhom Ghawdxi u ma ftakarx li kien hemm nisa.

Xehed Joseph Portelli d-Direttur responsabbli mix-Xogholijiet f’Ghawdex li semma li r-rikorrent jahdem fis-sezzjoni tad-drenagg u ghalhekk jaqa’ taht ir-responsabbilta` tieghu. Qal li l-personal file tar-rikorrent, ghalkemm dan illum jaqa’ tahtu, ghadu fid-Dipartiment tax-Xogholijiet f’Malta u hemm raguni amministrattiva ghaliex dawn il-files ghadhom ma marrux Ghawdex.

Xehed Paul Scicluna ufficjal ezekuttiv fid-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici li semma li wara s-sejha li saret permezz ta’ l-O.P.M. Circular 24/90, kienu lahqu seba’ u tletin persuna bhala Drainage Workers gewwa Ghawdex. Qal li s-sejha ma kenitx miftuha biss ghal nies li kienu

diga` jahdmu fid-Dipartiment tax-Xogholijiet izda kienet mifuha wkoll ghal nies li kienu jirregistraw, nies ohra li kienu jahdmu regolari mal-Gvern kif ukoll dawk li kienu fid-Dejma u fl-Awziljari u ghalhekk id-Dipartiment tax-Xogholijiet ma pprezentax dokumenti li juru l-marki li gabu l-applikanti.  Qal li dik is-sejha kienet harget mid-Dipartiment tax-Xoghol.

Ipprezenta dokument li juri l-paga ta' General Hand fi skala 19 li tvarja bejn Lm2705 sa massimu ta' Lm3104 u wara hames snin jipprogredixxi ghal skala 18 minn Lm2843 ghal Lm3256 filwaqt li Drainage Workers jibdew fi skala 18 minn Lm2843 sa Lm3256 u wara hames snin jipprogredixxu ghal skala 17 li tibda minn Lm2974 sa Lm3429.

Xehed <u>Mario Caruana</u> rapprezentant tad-Dipartiment tax-Xoghol li semma li l-uniku involviment tad-Dipartiment tax-Xoghol kien li jilqa' l-applikazzjonijiet u dan ghax is-sejha kienet miftuha ghal min kien qieghed jirregistra ghax-xoghol kif ukoll ghal nies li qabel kienu impjegati b'mod irregolari.  Qal li l-unici dokumenti li ghandu d-Dipartiment huma r-rizultati ta' l-interviews li diga` kienu gew esibiti.
Xehdet <u>Doris Sammut</u> li kienet membru tal-bord ta' l-ghazla li ghamel l-interviews ghal diversi gradi ta' gruppi ndustrijali fosthom ta' drainage workers.  Fuq il-bord hi kienet qed tidher bhala rapprezentanta ta' l-Establishments sabiex tara li l-interviews jimxu skond ic-cirkulari.  Semmiet li fuq il-bord kienu xi hamsa minn nies u kienu ezaminaw nies ghal tlett gradi industrijali: Drainage Workers, Hospital Auxiliaries u Health Assistants.  Il-kriterji ghal kull grad kienu l-istess ghaliex ic-cirkulari kienet wahda.  Semmiet li waqt l-interviews kull membru tal-bord kien ta l-marka tieghu.  Hi qalet li hi wkoll tat il-marka taghha izda hi ma kenitx teknika u dehrilha li l-marki li setghet taghti hi kienu ghan-numru ta' snin li kien ilhom fix-xoghol.  Wara kienu johorgu l-average mark u fl-ahhar kien isir rapport mic-Chairman u jekk jaqblu mieghu kienu jiffirmawh.  Semmiet li l-interviews saru fil-Medical School, l-Isptar San Luqa u ma ftakritx jekk kenitx ghamlet l-interviews lill-applikanti Ghawdxin.  Dawn l-interviews kienu saru taht il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Qalet li n-numru tas-snin kienet iggibhom mill-GP 47 (is-service and leave record form) ta' l-applikanti.

Xehed Charles Cassar li semma li hu kien membru tal-bord ta' l-ghazla li ghamel l-interviews ghal grad ta' Drainage Worker. Semma li f'Ghawdex kienu saru wkoll l-interviews fl-iskola li jafha bhala l-Lyceum fir-Rabat u l-membri tal-bord kienu s-Sur Mario Vella, is-Sur Carmelo Calleja, hu u s-Sur Frederick Azzopardi. Qal li hu mhux tekniku u waqt l-interview kien jirrapprezenta lid-Dipartiment tax-Xoghol filwaqt li Carmelo Calleja kien mid-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici. Qal li b'mod generali kienu jaghmlulhom mistoqsijiet dwar l-esperjenza tax-xoghol taghhom. Zied jghid li jekk xi hadd mill-applikanti ha xi rakkomandazzjoni mieghu, huma l-anqas taw kasha. Qal li minhabba li kien hemm 'il fuq minn erbat elef applikant ma ftakarx jekk il-personal files ta' l-applikanti ezaminawhomx.

Xehed Frederick Azzopardi li semma li hu kien wiehed mill-membri tal-bord ta' l-ghazla li ezaminaw l-applikanti ghal grad ta' Drainage Worker u kien jirrapprezenta lill-Ministeru ghal Ghawdex. Qal li huma ma kienx ikollhom il-personal file ta' l-applikanti izda kien ikollhom il-GP 47 li hija s-service and leave record form. Dwar il-procedura tal-marki qal li kull membru tal-bord kien jassessja u jifforma opinjoni hu ta' l-applikant u wara kienu jiddiskutu bejniethom u johorgu marka globali. Il-kriterji li fuqhom kienu jassessjaw lill-applikanti kienu jkunu pre-stabiliti mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Semma li huma kienu obbligati li ma jaghtux kaz ta' l-ebda rakkomandazzjoni izda jiggudikaw fuq il-kapacita` tal-applikant.
Xehed Mario Vella li semma li hu kien ic-Chairman tal-Bord ta' l-Ghazla li ezamina lill-applikanti ghal grad ta' Drainage Worker u hu kien ha parti wkoll fl-interviews li saru Ghawdex. Qal li l-personal files ta' l-applikanti ma kienux rawhom izda raw is-schedules of service taghhom liema schedules kienu annessi ma' l-applikazzjonijiet u wara l-interviews baqghu ma' l-applikazzjonijiet. Dwar kif jigu assenjati l-marki qal li kull membru kien jiehu l-ideja tieghu dwar l-applikant u wara jiddiskutu bejniethom u

johorgu marka li tkun konsenswali ghall-membri kollha. Qal li fuq il-bord ma kienx hemm bniedem tekniku izda kien hemm rapprezentant tad-Dipartiment koncernat li kien skrivan. Semma li huma ma hadux in konsiderazzjoni r-rakkomandazzjonijiet li saru mill-applikanti. Qal li domandi teknici ma sarux izda kienu saru domandi biex jaraw l-adaptability u s-suitability ta' l-applikant u dawn id-domandi kienu johorgu mid-definition of duties tal-job partikolari kif johrog mill-Estacode. Qal li lill-applikanti Ghawdxin ma kienx jafhom u ma kienx jaf il-hila u l-kapacita` taghhom.

Xehed Emanuel Cortis Assistant Principal fil-Human Resources Section tal-Works Division. Semma li r-rikorrent kien impjegat tal-Works Division u kien applika ghas-sejha OPM Circular 24/90 datata 7 ta' Marzu, 1990. Semma li l-Works Division ma kellu x' jaqsam xejn mas-selection process ta' dawk in-nies li applikaw. Qal li s-sejha kienet dehret fil-Gazzetta tal-Gvern u harget mill-Labour Office, mid-Director of Labour u huma hatru l-bord ta' l-ghazla.

Xehed Emperio Portelli Supervisor maz-Sezzjoni tal-Mastrudaxxi li semma li ghamel zmien twil mas-Sezzjoni tad-Drenagg u kien inkarigat kemm mill-'maintenance' u kemm minn 'New Sewer' u kull xoghol iehor li jista' jinqala'. Ikkonferma li r-rikorrent kien jahdem mas-Sezzjoni tad-Drenagg u ma kellux grad ta' Drainage Worker u kien abbli hafna fuq xogholu. Semma li darba kienu ghamlu 'schedule' li kopja taghha qeghdha ghand id-Direttur u ghand ir-rapprezentanti ta' l-Union ta' dawk il-haddiema fejn irrakkomandawhom ghal xoghol li huma abbli jaghmlu.

Semma li r-rikorrent kien Handyman. Qal li ghalkemm ir-rikorrent kien Handyman u ma kienx jahdem ma' tad-Drenagg xorta kien jinzel isfel u dan ghax kien wiehed mill-unika nies li kien kapaci ghal dak ix-xoghol. Semma li kien jinzel fil-fosos u sostna li d-drenagg fih hafna periklu. Qal li kieku ma kienx hemm nies bhar-rikorrent kieku fid-Drenagg ta' Ghawdex ma kienx ikollhom biex jahdmu. Zied jghid li r-rikorrent gieli mar fuq xoghol li kienu

ghamluh haddiema ohra u x-xoghol kellu jerga' jinqala' ghal darbtejn wara xulxin sakemm marru dawn in-nies abbli bhar-rikorrent.

Semma li l-esperjenza f'dan ix-xoghol hija vasta bhal per ezempju jekk tkun taghmel 'New Sewer' trid tkun kapaci taghti l-livelli tal-katusi, kif tiksihom bil-'concrete', l-'inspection' kif tibnieh, il-'blockage' kif jissawwar u kif tnehhieh. Qal li meta saru l-interviews kienu ntaghzlu persuni li gew minn barra, qatt ma hadmu la mad-Drenagg u l-anqas mas-Sezzjoni. Sostna li biex dawn in-nies jitghallmu, biex jitharrgu kienu baghtuhom ma' dawk il-haddiema li sa meta ghadhom 'Handymen' bhar-rikorrent u huma kienu gew impjegati bhala 'Drainage' Workers minn barra d-Dipartiment.

Semma li l-haddiema bhar-rikorrent sa meta xehed kienu ghadhom jithallsu ta' Handyman ghalkemm jaghmlu xoghol ta' Drainage Workers. Qal li kienu poggew lil Anthony Mifsud bhala Acting Supervisor biex imexxi l-grupp u wara li n-nies li kienu dahlu minn barra kienu tharrgu, xorta ntaghzel Emanuel Cutajar wara li rtira Anthony Zammit biex ikompli jmexxi l-grupp. Qal li hemm persuna li hija Handyman, taghmel xoghol ta' Acting Supervisor, la tithallas ta' Acting Supervisor, la tithallas bhala Drainage Worker u taghmel xoghol ta' supervision fuq nies li huma Drainage Workers u jithallsu bhala Drainage Workers u huma fi Grad oghla minnu. Hu qal li hu ma kienx ghadu mad-Drainiage Department izda hu ghadu hbieb hafna ma' dawk il-haddiema bhar-rikorrent u jarahom sikwiet u jitkellmu fuq ix-xoghol u kif inhuma sejrin l-affarijiet. Sostna li dak li qal kien minn dak li qalulu huma.

Dwar l-abilita` tar-rikorrent qal li ghalkemm kien ikun fl-ufficju kien johrog ukoll fuq dawk in-nies. Ix-xoghol kien isegwieh u anke li ma jkunx hemm rapporti ta' hsarat fuq xoghol li jkunu ghamlu dawn huwa konferma ta' l-abilta` ta' dawn il-haddiema. Semma li dawk in-nies li dahlu minn barra ma kellhomx kwalifiki pero` ma ccekkjax f'xi files izda l-Ingineer ta' dak iz-zmien kien ighidlu biex iharrighom ma' dawn il-haddiema.

**KONKLUZJONIJIET:**
**A)** L-ewwel eccezzjoni moghtija mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku hi li t-**Tribunal hu prekluz jinvestiga l-validita` ta' dak kollu li ghamlet jew taghmel il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fl-ezercizzju tal-funzjonijiet taghha** u dan skond l-artiklu 115 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta. It-Tribunal jaghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet "John Bilocca vs Dipartiment tas-Sahha" deciza fis-7 ta' Mejju, 1998 fejn it-Tribunal ikkonkluda:

"Illi dan it-Tribunal certament jaqbel u hu obbligat isegwi dak li jghid l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni. Il-Kostituzzjoni hija "sacra" u certament ma tista' ebda Qorti tmur kontra taghha. Izda ir-ragunar ta' l-intimat mhux koerenti ma' l-Att VIII tal-1997. Fl-artikolu 2 ta' l-Att il-ligi taghti definizzjoni ta' "persuna aggravata". L-artikolu 6 jitkellem dwar is-setghat tat-Tribunal u jghid hekk: …

Ghalhekk persuna aggravata li tkun sofriet ingustizzja matul il-perijodu preskritt skond l-artikolu 5 (4) ghandha d-dritt titlob ir-rimedju lit-Tribunal. Fost il-kazijiet li jintitolaw persuna aggravata li titlob rimedju mit-Tribunal hemm dawk relattivi ghal hatriet u promozzjonijiet. Meta wiehed jaqra l-artikolu 5 (2) bil-fors li jasal ghall-konkluzzjoni li l-azzjoni tista' titmexxa kontra kull Dipartiment tal-Gvern jew awtorita' ohra tal-Gvern. L-artikolu 7 (9) (b) jghid li biex jasal ghad-decizzjoni jekk ilment ikunx gustifikat, it-Tribunal ghandu jqis il-ligijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet tal-Estacode.

Issa fl-Att VIII tal-1997 imkien ma insibu li impjegat governattiv li jsofri ingustizzja dwar hatra jew promozzjoni ma jistax jippromwovi rikors quddiem it-Tribunal. Lanqas imkien ma nsibu li l-persuna aggravata minhabba nuqqas ta' hatra jew promozzjoni trid tistitwixxi l-proceduri kontra l-Kummissjoni dwar is Servizz Pubbliku. Li kieku l-legislatur ried hekk kien jghid dan - "Ubi lex voluit, dixit". Meta t-Tribunal jezamina talba dwar allegata ingustizzja relattiva ghal hatra jew promozzjoni ta' impjegat governattiv, dan ma jkunx qieghed b'ebda mod jezamina

jekk il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tkunx qdiet validament xi funzjoni moghtija lilha mill-Kostituzzjoni. Tant kemm hu hekk li dan it-Tribunal mhu sejjer qatt jazzarda jghid li xi hatra jew promozzjoni moghtija mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku mhix valida. Izda dan ma jeskludix li bhala rizultat ta' tali hatra jew promozzjoni ma jistax ikun hemm minn ibaghti ingustizzja. Hu ghalhekk li dan it-Tribunal ghandu l-obbligu li jindaga dwar allegati ingustizzji.

Interessanti ukoll hu dak li jghid l-artikolu 5 (3) u cioe`:

(3) (a) Dan l-Att ma japplikax ghall-persuni jew ghall-korpi li jinsabu elenkati fit-Taqsima A fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

Fl-Ewwel Skeda - Taqsima A ma hemmx imnizzla l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Din tissemma fl-artikolu 5 (3) (b) li taghmel referenza ghat-Taqsima B.

Ta' min josserva li meta fil-kaz ta' hatra jew promozzjoni t-Tribunal jilqa' talba u jistabbilixxi li saret ingustizzja, ir-rakkomandazzjoni ghall-implimentazzjoni tad-decizzjoni ma ssirx lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. L-artikolu 7 (11) jsemmi li jkun id-dmir tal-Prim Ministru li jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal. Importanti wkoll hi li l-istess Kostituzzjoni fl-artikolu 110 (1) issemmi li s-setgha li jaghmel hatriet ghall-karigi ufficjali u li jnehhi… tkun fil-Prim Ministru, li jagixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. L-artikolu 112 (1) tal-Kostituzzjoni jsemmi li:

"Is-setgha li jaghmel hatriet bi trasferiment lil u mill-karigi li ghalihom dan l-artikolu jghodd tkun fil-Prim Ministru li jagixxi wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku:"

Il-fatt li rikors jigi iswtitwit kontra kap ta' Dipartiment u f'dan il-kaz kontra it-Tabib Principali tal-Gvern mhux necessarjament tirrifletti b'mod ikrah fuqu jekk stess it-tribunal jaqbel mat-talba. Il-proceduri jigu istitwiti kontra tieghu a tenur ta' l-artikolu 181B tal-Kodici ta'

Organizazzjoni u Procedura Civili li jirrikjedi li l-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Jista' jkun li veru dik l-ingustizzja tkun saret minn dak il-Kap, pero' facli li din ma tkunx saret minnu personalment izda minn predecessur tieghu, minn xi Bord ta' Ghazla, minn xi Ministru, minn xi subalterni tieghu, jew rizultat ta' cirkostanzi eccezzjonali li fil-konfront ta' individwu partikolari jistghu jammontaw ghal ingustizzja.

Illi ghalhekk jichad l-eccezzjoni ta' l-intimat."

Ghall-istess motivi jichad l-eccezzjoni odjerna.

**B)** Dwar l-eccezzjoni tad-Direttur tal-Progetti u Zvilupp fil-Ministeru ghal Ghawdex u tal-Ministru tal-Ambjent illi **r-rikors gie prezentat fuori termine** kontra l-intimati et u dan a tenur tal-Artikolu 9 tal-Att VIII tal-1997 jinghad li t-Tribunal fil-kawza fl-ismijiet Victor Caruana vs Dipartiment tax-Xogholijiet et deciza fl-1 ta' Novembru 2000 iddecieda li tali eccezzjoni hi valida biss fil-konfront ta' min jissolleva tali eccezzjoni u min jigi notifikat wara t-2 ta' Dicembru 1997, u ghalhekk kien iddecieda li jilqa' l-eccezzjoni tal-kjamati in kawza u jilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju ghalkemm il-kawza kellha tibqa' titqies valida fil-konfront tal-intimati l-ohra. Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jillibera mill-osservanza tal-gudizzju lid-Direttur tal-Progetti u Zvilupp fil-Ministeru ghal Ghawdex u lill-Ministru ghall-Ambjent.

**C)** Dwar il-**meritu** jinghad li r-rikorrent qieghed jilmenta mill-fatt li meta hargu l-applikazzjonijiet ghal Drainage Workers Group C u hu applika, kienu ddahhlu nies minn barra s-sezzjoni tad-Drenagg minghajr esperjenza filwaqt li hu li kien fi Grupp A baqa' barra. Jinghad li meta hargu l-applikazzjonijiet dawn mill-ewwel kienu miftuha mhux biss ghal min kien gja qieghed jahdem fis-sezzjoni tad-drenagg izda ghal diversi nies. Matul il-kors tal-kawza r-rikorrent qatt ma gab prova ta' kif saret l-allokazzjoni tal-marki dwar id-diversi aspetti biex b' hekk it-Tribunal ikun jista' jevalwa jekk saritx xi ingustizzja.

Anqas ma saret xi prova dwar kemm gab ir-rikorrent taht kull aspett u kemm gabu l-applikanti l-ohra li gew qablu. Irrizulta li gew moghtija l-hatra ghal Drainage Workers 125 persuna u li hu kien fil-151 post. Mid-depozizzjoni tieghu jirrizulta li hemm min sar dritt u ma kienx gja qieghed jahdem fis-sezzjoni tad-Drenagg izda dan kollu ghalkemm jidher li possibilment ir-rikorrent seta' nghata l-hatra ma hux bizzejjed biex iwassal ghall-grad ta' ingustizzja fil-kawza. Infatti meta wiehed ihares lejn dak li l-Kap 394 jirrikjedi biex tigi stabbilita ingustizzja wiehed ma jistax jasal ghal biex jiddikjara li fil-fatt saret ingustizzja, u ghal dawn il-motivi dwar il-meritu jilqa' l-eccezzjoni u jichad it-talba tar-rikorrent.

**D)** Jinghad izda li jirrizulta li r-rikorrent ilu snin twal hafna jaghmel **xoghol superjuri** ghall-grad tieghu u minghajr ma nghata l-hatra qieghed jaghmel xoghol li strettament ma jaqax fid-definizzjoni ta' xogholu u dan minhabba n-nuqqas ta' hatra. Dan qieghed jinghad fis-sens li ghalkemm ma giex ippruvat li saret ingustizzja mar-rikorrent meta hu ma nghatax il-hatra peress li ma giex ippruvat li gie ingustament maqbuz, xorta wahda l-fatt li persuna ma tinghatax hatra u ddum numru ta' snin taghmel xoghol superjuri jammonta ghal ingustizzja minhabba li kien jinkombi fuq xi whud mill-intimati li jinnominaw aktar persuni milli fil-fatt saru u b' hekk kienet tigi evitata l-ingustizzja li sofra r-rikorrent billi hu wkoll (u xi ohrajn bhalu), barra dawk li hadu l-promozzjoni kellu jiehu tali hatra wkoll. Fil-kawza fl-ismijiet Pinu Axiaq vs Direttur Generali tal-Qorti deciz a fl-20 ta' Gunju, 2000, dan it-Tribunal qal:

“Diversi drabi dan it-Tribunal hass li mhux sewwa li persuna iddum ghal zmien twil taghmel xoghol superjuri ghall-grad taghha u ma tinghatax il-promozzjoni jew kumpens ghax dan fil-verita' jammonta ghal li minn ikun qieghed ihaddem qieghed jiehu servizz superjuri ghal dak li qieghed ihallas tieghu. Hi simili ghal li thaddem nies wara l-hin u ma thallashomx tieghu – haga mhix permessa mill-ligi. Dan pero' irid jitqies fil-fattispecji partikolari tal-kaz.”

Fil-kawza fl-ismijiet Mario Vella vs Direttur tal-Edukazzjoni et deciza fit-2 ta' Novembru 2000 it-Tribunal qal:

"Impjegat li ghal zmien twil [f'dan il-kaz 7 snin] jaghmel xoghol superjuri ghal grad tieghu [labourer grupp A jaghmel xoghol ta' supervisor b'hamsin persuna tahtu] u b'mod efficjenti ghandu dritt ghal kumpens finanzjarju. Mhux necessarjament jaghtih d-dritt ghall-promozzjoni."

Ara wkoll Anthony Cachia vs Korporazzjoni Enemalta 6 ta' Dicembru, 2000.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal ihoss li r-rikorrent ghandu jinghata kumpens ta' elf u hames mitt lira (Lm1500) u peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat fis-sens li ghadu kif inghad, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' dan il-kumpens. Izda dan l-ammont ghandu jigi sopportat mid-Direttur Responsabbli mid-Drenagg u l-Ministru responsabbli mix-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni. Infatti fost l-intimati jinsab ic-Chairman Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u d-Direttur tax-Xoghol li hadd minnhom ma hu r-rapprezentant fl-azzjonijiet gudizzjarji tad-Dipartiment inkarigat mill-materja in kwistjoni u ghalhekk dawn l-ahhar tnejn qed jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez kontra d-Direttur responsbabli mid-Drenagg u Ministru responsabbli mix-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni, hlief dawk relattivi ghad-Direttur tal-Progetti u Zvilupp fil-Ministeru ghal Ghawdex, ghall-Onorevoli Prim Ministru, ghac-Chairman Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, u ghad-Direttur tax-Xoghol li huma a karigu tar-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------